MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 126/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi A B ppreżentat fis-16 ta' Marzu 2007 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-kontendenti żżewġu fl-4 ta' Awissu 1991 u miż-żwieġ tagħhom huma għandhom żewġ ulied, D li twieldet fl-24 ta' Diċembru 1991 u E li twieled fl-10 ta' Frar 1995;

Illi ż-żwieġ tal-kontendenti ilu diversi snin li tfarrak irrimedjabbilment u l-kontendenti kienu fi stat ta' separazzjoni fattwali, jgħixu ħajja mifruda u separata għalkemm taħt l-istess saqaf;

Illi *inoltre*, l-intimat ilu diversi snin li qabad triq għalih u jqatta' ġranet sħaħ barra mid-dar, barra minn hekk meta jirritorna d-dar huwa qatt ma jagħmel xejn għall-familja u lanqas ma jipprovdi għall-bżonnijiet tal-familja, anzi huwa jagħmel minn kollox sabiex ifixkel lill-attriċi fix-xogħol li tkun għamlet hi fid-dar matrimonjali;

Illi *inoltre* minħabba l-mod illi l-intimat ma nteressa ruħu fl-ebda mod fl-attriċi u lanqas f'uliedu, l-attriċi ħassitha abbandunata u kien għalhekk illi maż-żmien bdiet relazzjoni ma' terza persuna iżda dan ġara żmien sewwa wara li ż-żwieġ kien tfarrak irrimedjabbilment minħabba raġunijiet imputabbli għal kollox lill-konvenut;

Illi għalkemm inbdew proċeduri ġudizzjarji permezz tal-proċess ta' medjazzjoni, dan ma wassal għal ebda eżitu pożittiv u l-konvenut ma wera ebda koperazzjoni iżda sempliċiment tawwal il-proċeduri inutilment;

Illi b'digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, il-medjazzjoni ġiet dikjarata magħluqa u permezz ta' digriet tal-21 ta' Frar 2007

awtoriżżat lill-attriċi sabiex tipproċedi b'kawża għal separazzjoni personali fit-termini mposti mill-liġi.

Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament ħati għall-firda tal-kontendenti minħabba sevizzi u / jew minaċċi u / jew inġurji gravi minnu perpetrati, u dan a tenur tal-artikoli 38 u 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Konsegwentement tikkommina u tapplika kontra l-konvenut dawk l-effetti prefissi fl-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Takkorda lill-attriċi l-kura u kustodja tal-minuri D u E, aħwa B, salv kull dritt ta' aċċess spettanti lill-konvenut;

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi, għaliha u għall-ulied minuri, retta alimentari f'dik is-somma illi tiġi komputata minn din l-Onorabbli Qorti skont il-meżżi tal-konvenut u l-bżonnijiet tal-attriċi u tal-ulied, u dan a tenur tal-artikolu 54(1) u (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Tikkundanna lill-konvenut, jekk din l-Onorabbli jidhrilha li jkun xieraq u opportun tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, sabiex parti mill-manteniment dovut mill-konvenut

lill-attriċi, għaliha u għal uliedha minuri jitħallas permezz ta' *lump sum payment*, f'pagament wieħed jew f'pagamenti rateali, liema pagament jista' jsir jew fi flus kontanti jew permezz ta' proprjeta' immobbli;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet b'dan illi b'effett mid-data tas-sentenza kull akkwist magħmul għandu jibqa' proprjeta' esklussiva tal-parti li tkun għamlitu u kull obbligazzjoni assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha, u dan a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn iż-żewġ kontendenti, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi, u tiddividiha f'żewġ porzjonijiet u tassenja porzjon lil kull wieħed mill-partijiet;

9. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u sabiex jagħmel dak kollu illi huwa meħtieġ, inċidentali u / jew anċillari għal dan l-iskop;

10. Tinnomina kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċja tal-konvenut fuq l-att tal-qasma u assenjazzjoni;

11. Fil-każ illi d-dar matrimonjali għal xi raġuni ma tkunx tista' tinbiegħ, tordna li din tiġi assenjata lill-attriċi u tordna li l-konvenut ikollu jivvaka l-istess;

12. Tordna lill-konvenut sabiex jassenja lill-attriċi l-proprjeta' dotali u parafernali kollu tagħha;

13. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreverti għal kunjom xbubitha, u ċjoe' "F";

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C B ppreżentata fl-4 ta' Frar 2008 fejn eċċepixxa:

Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero b'tortijiet imputabbli unikament lill-attriċi kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u li dwarhom l-esponent qed jiddeduċi talbiet opporni f'kontro-talba hawn annessa. Għalhekk it-talbiet attriċi in kwantu jimputaw xi tort lill-eċċipjent għall-ksur tal-ħajja miżżewġa huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Illi fir-rigward tat-tieni talba, hija l-attriċi unikament ħatja għall-firda tal-kontendenti minħabba adulterju ammess u abbandun minnha perpetrati;

Illi fir-rigward tat-tielet talba, din m'għandhiex tintlaqa' u l-effetti prefissi mill-artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-attriċi;

Illi mhux fl-interess tal-minuri D u E li tiġi fdata l-kura u l-kustodja tagħhom f'idejn l-attriċi iżda din għandha tingħata lill-esponent bl-aċċess jiġi regolat minn dina l-Onorabbli Qorti fl-aħjar interess tat-tfal minuri u dan partikolarment li l-attriċi għandha tliet itfal oħra minn relazzjoni adultera;

Illi l-attriċi ddekadiet minn kwalsiasi jedd li titlob manteniment għaliha u waqfet taħdem hekk kif ħarġet tqila minn relazzjoni adultera. Illi l-esponent jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha ta' wliedu u

jħallas manteniment u l-attriċi għandha wkoll obbligu li tmantni lil uliedha;

Illi fir-rigward tas-sitt talba, din għandha tiġi miċħuda;

Illi rigward is-seba' talba, l-esponent jaqbel illi tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti iżda jikkontendi illi m'hemm xejn x'jiġi assenjata lill-attriċi;

Illi fir-rigward tat-tmien, disa' u għaxar talbiet attriċi, hemm qbil li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet tiġi dikjarata xolta u likwidata iżda l-eċċipjent m'għandu jikkommina f'ebda dekadenza, u għandha tiġi stabbilita data minn dina l-Onorabbli Qorti li minn tali data 'l quddiem, martu ma tippartеċipax f'xi sehem ta' kull akkwist li jkun sar bix-xogħol u bil-ħila tiegħu b'applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fir-rigward tal-ħdax-il talba, din ukoll għandha tiġi miċħuda u l-esponent għandu jingħata d-dritt li jgħix flimkien ma' wliedu fid-dar matrimonjali bl-esklużjoni ta' martu l-attriċi li għandha tiġi ordnata tivvaka l-istess;

Illi t-tnax-il talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż *stante* li l-eċċipjent m'għandux oġġetti parafernali u dotali tal-attriċi;

Illi m'hemmx oppożizzjoni biex tintlaqa' t-tlettax-il talba;

Illi l-eċċipjent m'għandu ibati ebda spejjeż *stante* li hija l-attriċi li hija ħatja tal-firda u rrendiet il-ħajja konjugali mpossibbli bl-adulterju u l-abbandun tagħha;

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi A B nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li biha ppremetta:

Illi l-partijiet iżżewġu fl-4 t'Awissu, 1991 u minn dan iż-żwieġ huma għandhom żewġt itfal minuri, D ta' 16-il sena u E ta' 12-il sena.

Illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom saret impossibbli minħabba adulterju u abbandun u nġurji gravi da parti tal-attriċi l-esponenti.

Illi l-esponent għamel minn kollox sabiex issalva ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet, pero' l-attriċi kompliet bl-adulterji u l-abbandun tagħha fil-konfront tal-konvenut kif ukoll fil-konfront ta' wliedu.

Illi l-attriċi għalkemm adultera, kienet intransiġenti fit-talbiet tagħha ta' kif għandha tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti u moħħha biss biex toħloq problemi lill-konvenut.

Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti min dina l-Onorabbli Qorti;

Ilil l-esponent qed jipprevalixxi ruħu mill-fakolta' lilu mogħti li jressaq din il-kontro-talba għat-talbiet attriċi skont il-liġi.

Illi l-fatti hawn dikjarati jafhom C B personalment.

Għaldaqstant, il-konvenut rikonvenzjonat permezz ta' din il-kontro-talba umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minħabba ħtija jew ħtijiet imputabbli lill-intimata billi hija rrendiet ruħha ħatja fil-konfront tar-rikorrenti ta' sevizzi, inġurji gravi, abbandun u adulterji, kif ukoll minħabba f'inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrent għalih, u għat-tfal minuri D u E retta alimentarja f'dak l-ammont u taħt dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

3. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kf jiġi ordnat u stabbilit jiġu assenjati waħda lir-rikorrent u l-oħra lill-intimata, u dan okkorrendo, għall-finijiet ta' din it-talba bl-opera ta' periti nominandi u billi tiġi stabbilita data bħala d-data meta l-attriċi tiġi kkunsidrata li tkun ħatja tal-firda b'tali mod li l-attriċi titlef kull jedd għal kull akkwist magħmul bil-ħila tal-konvenut.

4. Tordna d-dekadenza tal-intimata mill-jeddijiet konjugali kif maħsub fl-artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Tikkundanna lill-intimat tikkonsenja lir-rikorrenti l-beni dotali u parafernali tagħha.

6. Tafda lil C B l-kura u l-kustodja ta' wliedhom minuri D u E.

7. Tapplika kontra martu nterament jew *in parte* d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48 u / jew 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta l-attriċi fl-eventwali kontumaċja tagħha fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum u ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

9. Tikkundanna lill-attriċi sabiex tirrifondi kull somma li hi tkun irċeviet bħala manteniment għaliha *pendente lite* kif ukoll tirrifondi lil żewġha nofs l-ammonti mħallsa minnu fuq *'loan'* sal-jum tas-sentenza u l-flus mogħtija minn żewġha biex siefret kemm-il darba.

10. Tawtorizża lill-eċċipjent jabita fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-attriċi.

Bl-ispejjeż kontra A B nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant.

Rat ir-risposta tal-konvenuta A B, għall-kontro-talba, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonat in kwantu li s-separazzjoni personali għandha tiġi dikjarata minħabba ħtija tal-attriċi għandha tiġi miċħuda iżda minflok l-imputazzjoni ta' ħtija

għandha tiġi attribwita lill-konvenut minħabba li kien hu li abbanduna lill-attriċi u minħabba vjolenza, sevizzi u / jew minaċċi u / jew inġurji gravi u *inoltre* minħabba inkompatibilta' ta' karattru.

Illi t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonat għandha tiġi miċħuda *stante* illi fil-konfront tiegħu l-attriċi m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas manteniment *stante* illi huwa kien responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ; u fil-konfront ta' wliedha, huwa fl-aħjar interess tal-minuri D u E illi huma jiġu fdati lill-attriċi; u inoltre mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi ma taħdimx u m'għandhiex introjtu;

Illi għar-rigward tat-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonat jiġi rilevat illi huwa l-konvenut stess illi huwa ħati għall-firda kif ser jiġi ppruvat waqt l-andament tal-kawża u li allura, din l-Onorabbli Qorti, meta tiġi biex tiddikjara xolta, u terminata l-komunjoni tal-akkwisti u meta tiġi biex taqsam iż-żewġ porzjonijiet tal-komunjoni tal-akkwisti, għandha tistabbilixxi data minn meta l-konvenut għandu jiġi dikjarat ħati għal tali firda u minn dik id-data jkun il-konvenut illi jitlef kull jedd fuq kull akkwist magħmul bil-ħila tal-attriċi;

Illi r-raba' talba tal-konvenut rikonvenzjonat għandha tiġi miċħuda *stante* illi mhix l-attriċi li hi responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ;

Illi rigward il-ħames talba din ukoll għandha tiġi miċħuda *stante* illi l-beni parafernali u dotali tal-attriċi huma tagħha;

Illi s-sitt talba tal-konvenut għandha tiġi miċħuda *stante* illi mhux fl-aħjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tiġi fdata lill-konvenut iżda huwa fl-aħjar interess tagħhom illi l-kura u kustodja tagħhom tiġi fdata lill-attriċi;

Illi s-seba' talba għandha tiġi miċħuda *stante* illi l-attriċi mhix responsabbli għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ;

Illi d-disa' talba għandha tiġi miċħuda *stante* illi l-attriċi ma rċeviet l-ebda manteniment għaliha pendente lite u lanqas m'għandha tħallas lura lill-konvenut nofs il-*loan* imħallsa minnu sal-jum tas-sentenza jew flus mogħtija lill-attriċi meta siefret *stante* illi dan sar fiż-żwieġ u bil-kunsens, ftehim u l-volonta' tiegħu;

Illi l-għaxar talba għandha tiġi miċħuda *stante* illi l-proprjeta' l-oħra formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tinsab okkupata mill-ġenituri tal-konvenut u għalhekk l-attriċi għandha tabita fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri għad esklużjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut rikonvenzjonat C B li minn issa hu nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata.

Rat l-affidavits preżentati mill-partijiet fosthom dawk tagħhom stess.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta’ Mejju 2008 li permezz tiegħu ġie nominat l-Avukat Dottor Ludvic Caruana bħala Perit Legali biex jirrelata dwar it-talbiet attriċi u dawk tal-konvenut;

Rat ukoll il-verbali tas-seduti li saru quddiem il-Perit Legali msemmi u sussegwentement ir-rapport tiegħhu debitament maħluf;

Rat id-digrieti l-oħra tagħha fir-rigward tal-manteniment u vertenzi oħra;

Rat is-sentenza tagħha tad-9 ta’ Marzu 2012, li permezz tagħha laqgħet it-talba biex il-partijiet idawwru l-kawża tagħhom f’waħda fejn jitolbu d-divorzju;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Marzu 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġja’ ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet; il-konvenut da parti tiegħu jaqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi u ppropona da parti tiegħu kontro-talba fl-istess sens.  Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u peress li l-Qorti kellha diversi drabi tara rikorsi u risposti qabel ma ppronunzjat uħud mid-digrieti ġja’ imsemmija, setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin   dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta’ xulxin.  Il-Qorti, għalhekk se tittratta l-vertenzi

f'paragrafi għalihom. Fir-rigward tat-tfal, illum dawn huma maġġorenni u, ma hemmx provi rigward l-istudji tagħhom; kwindi ma hemmx lok għall-provvedimenti fir-rigward tagħhom.

**TORT**

Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ. Biex il-Qorti tagħti ideja ta' x'wassal għat-tifrik taż- żwieġ se tirriproduċi l-affidavits tal-partijiet preżentati fi stadju bikri tal-kawża.

*"Permezz tal-affidavit tagħha preżentat lill-Qorti permezz ta' nota fit-3 t'April tas-sena 2008, a folio 97, A rrakkontat li hija Ingliża u trabbiet l-______________ (omissis). Ġiet Malta għal vakanza ta' ġimgħatejn f'Ġunju tas-sena 1990 m'oħtha u ltaqgħet ma' C f'diskoteka ġo Paceville u qattgħet il-vakanza tagħha miegħu. Tant kienet marret tajjeb miegħu li reġgħet ġiet m'oħtha għal ġimgħatejn oħra fix-xahar ta' Settembru tas-sena 1990. F'Novembru tas-sena 1990 C tela' l-______________ (omissis) u qagħad fl-appartament tagħha għal madwar ġimgħatejn. Huwa staqsiha sabiex jieħdu l-engagement u hi aċċettat. Hi riedet tgħix l-_______________ (omissis) peress li kellha appartament u mpjiegi tajbin filwaqt li hu kull ma kellu kien impjieg f'ħanut tal-isports l-Belt u ma kellu l-ebda proprjeta'. Pero' hu talabha tinżel tgħix f'Malta u hi aċċettat.*

*F'Diċembru tas-sena 1990 hija rriżenjat miż-żewġ xogħlijiet tagħha, ħalliet l-appartament tagħha u niżlet f'Malta u marret tgħix miegħu f'appartament mikri f'San Ġiljan. F'Marzu tas-sena 1991 bdiet taħdem bħala salesgirl fl-___________ (omissis). Xahar wara saret taf li ħarġet tqila u C ried jiżżewwiġha mill-ewwel għax kellu pressjoni mill-familja tiegħu peress li ma kellhomx pjaċir bihom jgħixu flimkien. Huwa beda l-preparamenti*

*mill-ewwel iżda hi ma kenitx konvinta li din kienet idea tajba peress li kollox kien qiegħed isir b'mod mgħaġġel ħafna.*

*F'Lulju tas-sena 1991 hija waqfet taħdem u fl-4 t'Awissu 1991 iżżewġu f'Malta. Ġew għall-okkażjoni l-ġenituri tagħha u oħtha. Iċ-ċelebrant kien iz-ziju ta' C. M'għamlux honeymoon. Ftit wara marru jgħixu ġo appartament ieħor fl-Imsida sakemm C ġietu l-idea li japplikaw għal flat tal-gvern u għal dan il-għan tefgħu l-applikazzjoni l-ġenituri tiegħu taħt ir-raġuni li l-appartament tagħhom fil-______________ (omissis) kien substandard. Ġew mogħtija appartament f'_____________ (omissis) li ġie mħallas minn C minkejja li l-kuntratt ġie ffirmat mill-ġenituri tiegħu fix-xahar ta' Diċembru tas-sena 1991. Il-partijiet għexu f'____________ (omissis) mis-sena 1991 sas-sena 1999. Ftit wara l-ġenituri tiegħu tilfu l-appartament tagħhom fil-__________ (omissis) u kellhom japplikaw il-partijiet għal post tal-gvern.*

*Fix-xahar ta' Settembru tas-sena 1991 C ngħata n-notice mix-xogħol tiegħu u minn dak iż-żmien ma setax jissettilja f'xogħol fiss. Fl-24 ta' Diċembru tas-sena 1991 twieldet it-tifla D. Dak inhar C la taha card u lanqas fjuri iżda qalilha li issa għandha tnaqqas ftit il-piż. F'Marżu 1994 il-partijiet xtraw appartament b'żewġt ikmamar tas-sodda fil-_________ (omissis) u l-ġenituri tiegħu, kontra qalhom, marru jgħixu hemm.*

*A tgħid li C kien jibdel ix-xogħol ta' spiss sakemm beda jaħdem ma' ħuh tar-rispett li kellu l-fabbrika tal-_______ (omissis). Kien isuq lill-ħaddiema u għalhekk xtara vettura tal-marka Toyota Ace għal prezz ta' sebat elef u ħames mitt Liri Maltin (Lm7,500). Fl-istess saqt kien qiegħed jaħdem part-time fl-Imsida waqt li l-attriċi ma kenitx taħdem u kienet tieħu ħsieb tad-dar u ta' binthom D.*

*A tħoss li r-relazzjoni tal-partijiet kienet qisha dik bejn l-aħwa u ftit li xejn kien ikollhom xi jgħidu lil xulxin. C kien iwaħħal fiha għal kulma kien jiġri u jaqbad magħha dwar affarijiet trivjali. Kien kritiku ħafna. Il-ħajja sesswali tagħhom kienet kważi non-eżistenti u C kellu attitudni passiva. Kien jorqod f'kamra separata u ħafna drabi kien jidħol jorqod mingħajr ma jgħidilha jew jibqa' mqajjem jara films pornografiċi. Hu kien imdejjaq u kien jibki ħafna għaliex minkejja li kien miżżewweġ kien iħossu waħdu. Kienet tgħidlu li ma tafx għaliex iżżewwiġha u li ma kienx jimpurtah kieku kienet telqet lura l-__________ (omissis). Hu kien iweġibha li setgħet tmur lura basta tħallilu t-tifla. B'hekk indunat li ma jħobbhiex.*

*Bdiet tqatta' ħafna ħin m'oħtha tar-rispett G B u waqt li D kienet tikun il-kindergarten, kienu jmorru l-gym, iduru l-ħwienet jew id-dar ta' G. Hi fetħet qalbha ma' G u G kienet tgħidilha biex tipprova aktar sabiex tħaddem ir-relazzjoni iżda l-attriċi kienet tħoss li ma tista' tagħmel xejn aktar. Meta D għalqet tliet snin l-attriċi marret l-______________ (omissis) għal xahar sabiex tara lill-familja tagħha. Meta ġiet lura sabet kaxxa condoms taħt is-seat ta' wara tal-karozza. Qal li kien seraqhom u nesihom hemm. Huwa sab xogħol bħala security mal-Kunsill Lokali ta' _________ (omissis). Hija ħarġet tqila mingħajr ma dan kien mistenni jew ippjanat, dan peress li l-affarijiet ta' bejniethom ma kienux sejrin tajjeb, pero' għamlu l-almu tagħhom u binhom E twieled fl-10 ta' Frar tas-sena 1995.*

*F'dan iż-żmien C beda jattendi għal laqgħat tal-Kunsill Lokali sa tard bil-lejl u jiġi d-dar fis-sakra u jmur jorqod fil-kamra l-oħra. Darba kien ġie d-dar bl-inbid u ċ-ċikkulata u qalilha li tathomlu H, mara li sar jaf fil-Kunsill Lokali. Kienet iċċempillu f'għeluq sninu l-attriċi ġieli sabitlu lipstick fuq ħwejġu. Hu kien jiċħad kollox u peress li hi kienet wisq megħdija bit-tarbija, hija baqgħet fuq*

*kliemu. Fl-istess żmien kienet tirċievi telefonati anonimi mingħand nisa jitbaqbqu magħha u rġiel jgħajtu l-kelma 'pufta'.*

*Meta E għalaq sena u nofs, hija bdiet taħdem bħala sales girl f'ħanut fl-ajruport. Waqfet għax il-paga u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ma kienux tajbin.*

*Darba telgħulha felul ġenitali u C qalilha li probabbli belagħthom minn xi latrina. It-tabiba tagħha qaltilha li dawn jiġu kontrattati sesswalment. Hi kienet biss sesswalment attiva ma' C u meta qaltlu dan, huwa ħmar.*

*Fis-snin 1994 u 1995 C beda jaħdem bħala security guard fil-________________ (omissis), u beda jaħdem sa tard ħafna. A kienet tgħaddi ħinha waħedha mat-tfal u meta C kien jirritorna lura d-dar, kien imur jorqod f'kamra waħdu. Ir-relazzjoni sesswali tagħhom kienet rarita'. Ġieli kienu jgħaddu sitt xhur bejn darba u oħra.*

*A ġieli kienet tieħu lit-tfal ir-'Reef Club' tal-_______ (omissis) peress li C kien jaħdem hemm dak iż-żmien u ġieli C kien jgħaddi ħin magħhom. Darba sparixxa għal madwar siegħa u meta fittxitu sabitu ħdejn kollega tiegħu. Darba waqt festin tal-Milied ratu jgħannaqha u jbusha fuq ħaddejha. Dan kien aġir stramb għaliex lanqas lil ommu ma kien jagħmel hekk.*

*Fix-xahar ta' Awissu tas-sena 1999 huma rebħu s-somma ta' ħamest elef liri Maltin (Lm5,000) fil-Lotterija tal-VAT. Kien f'dan iż-żmien li ħassew li kellhom bżonn bidla f'ħajjithom. Hi kienet qegħda tħoss in-nuqqas tal-______________ (omissis) u xtaqet li*

*jmorru jgħixu hemm. Biegħu l-post ta' _________ (omissis) bl-għamara b'kollox għall-prezz ta' sitta u għoxrin elf lira Maltin (Lm26,000) u l-vettura tal-marka Seat Marbella għall-prezz ta' elf, u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400). L-attriċi marret l-______________ (omissis) bit-tfal u C baqa' Malta biex jieħu ħsieb il-ġbir tal-flus. Waqt li kienet l-(omissis) kellha argument mal-familja tagħha u marret tgħix ma' ħabiba tagħha. C tela' l-________ (omissis) wkoll u pperswadiha terġa' tinżel Malta u li kien għad għandu ċans iġib lura x-xogħol li kellu fil-Kunsill. Hi ġiet lura kontra qalbha.*

*Krew appartament f'Buġibba mingħand ħuh bil-kera tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar, illum ekwivalenti għal mija sitta u tmenin ewro u erbgħin ċenteżmu (€186.40). C reġa' beda jaħdem mal-Kunsill Lokali kif ukoll beda jagħmel xogħol ta' security guard fuq bażi part-time fil-'_______ (omissis) Hotel'. Imbagħad fix-xahar ta' Frar tas-sena elfejn (2000) akkwistaw 'maisonette' f'_________ (omissis). A wkoll bdiet taħdem bħala security officer fil-Casino tad-__________ (omissis) fix-xahar ta' Frar tas-sena elfejn (2000) biex ikunu jistgħu jħallsu l-loan għall-'maisonette' u ddeċidiet li tippjana l-futur tagħha f'Malta. C pero' kien igerger li jħossu għajjien bix-xogħol kollu ma setax jaħdem hekk għal dejjem. A kienet taħdem bil-lejl biss skont l-esiġenzi tal-kumpanija. Kienet torqod waqt li t-tfal kienu jkunu l-iskola. Kienet tbati b'nuqqas ta' rqad u konsegwenzi fiżiċi, pero' xtaqet li l-familja tagħha jkollha ħajja tajba. Malli bdiet taħdem, C ma baqa' jagħtiha xejn għall-ħajja filwaqt li hi kienet tħallas sehemha mill-loan u nofs il-kontijiet u dak kollu relatat mal-iskola tat-tfal, ħwejjeġ tat-tfal, affarijiet għad-dar u ħafna mill-ikel. Is-sitwazzjoni baqgħet hekk sakemm damet taħdem. Hi ddeskriviet kif ir-relazzjoni tagħhom marret lura matul dak iż-żmien:*

*"Even though we had a place in _______ (omissis), C and I were still drifting apart and the only thing we had in common were the children and the place in _______ (omissis). Other than that we had nothing to keep us together as a loving couple. He never showed any emotional feelings towards me and never told me that he loved me even when I asked him ... I did everything to please him and I lost weight, and kept myself fit, looked after the kids and all their needs, cooked lovely meals, decorated the house and kept it spotless, did all the sewing and took the kids out, I made a nice roof garden which I paid for and his dinner was always on the table when he came from work but he never showed any apreciation. He took his whole role as a husband for granted and it got worse and worse which made me feel more lonely and depressed as all I wanted was a husband who loved me the way a husband should" (a folio 65, para 35).*

*Kellha nċident b'karozza qadima Fiat 127, fl-4 tax-xahar ta' Ġunju tas-sena 2000 u l-karozza ġarrbet ħsara kbira. Hi weġġgħet ħafif pero' kellha qatgħa kbira fuqha. Hu nkwieta iktar għall-karozza milli għal A u tefa' l-ħtija kollha fuqha.*

*Fix-xahar ta' Lulju tas-sena 2000 A nkarigat lil Dr Michael Tanti Dougall sabiex jibda l-proċeduri ta' separazzjoni. Il-konvenut kien ixxukkjat bl-ittra u fil-ġranet ta' wara li rċeviha l-partijiet tkellmu ħafna u qaltlu dwar dak kollu li kien qiegħed idejjaqha u li ma kenitx tiflaħ iktar u kienet għaddejja minn tip ta' 'breakdown'. Kienu se jbiegħu l-post ta' ________ (omissis) u beda jheddidha li ma jħallihiex tara t-tfal. Ħadilha wkoll il-cards tal-bank u l-passaport. Reġgħu iddiskutew kollox u C issuġġerixxa li jerġgħu jippruvaw waqt li wiegħedha li kien se jinbidel u li kien iddispjaċut tal-mod kif kien trattaha u li hu biss kien ħabib veru tagħha. Ried jerġa' jipprova jikkommetti ruħu għaż-żwieġ u għat-tfal.*

*Huma ħarġu mill-appartament f'Buġibba u marru jgħixu f'appartament tal-kiri f'_________ (omissis) waqt li kienu qed jippruvaw ilestu l-'maisonette'. Baqgħu jargumentaw iżda lestew il-post u daħlu jgħixu fih fid-dsatax ta' Frar tas-sena 2001. L-affarijiet baqgħu sejrin għall-agħar. C ma nbidilx. Kien imdejjaq u ma kien jagħti sehemu f'xejn, la finanzjarjament u lanqas bħala parteċipazzjoni fil-ħajja ta' kuljum. Ma kienx jixtrilha rigali jew cards u l-ħajja sesswali tagħhom kienet non-eżistenti. C baqa' jbati bil-burdati sal-2003, filli kollox sew u filli ma jkellimhiex mingħajr ma jkun hemm raġuni. Riedha tiffirma karta li tgħid li ommu u missieru setgħu jgħixu fil-flat tal-________ (omissis) jiġri x'jiġri. Hi rrifjutat għax issuspettat li din kienet l-unika raġuni għalfejn baqa' fiż-żwieġ. Fl-20 ta' Mejju tas-sena 2001 riedha tiffirmalu sabiex jieħdu loan u jixtri karozza. Hi rrifjutat biex ma żżidx l-irbit miegħu. Minn dakinhar qatt ma reġa' kellimha u bdew jgħixu ħajjiet separati. Qaltlu biex ma jorqodx aktar fil-kamra tagħha u ħarġitlu ħwejġu mill-kamra wkoll. Hi kienet tipprova tistaqsih x'kienu se jagħmlu u hu kien iweġibha li hi ma tindaħalx f'ħajtu u hu ma jindaħalx f'tagħha. Hi assumiet li kienu se jilħqu ftehim barra mill-Qorti.*

*Hi kienet tuża vettura tal-marka Skoda sabiex tmur ix-xogħol iżda C kien iħalliha bla petrol u kienet karozza bil-problemi. Għalhekk xtrat vettura tal-marka Mazda 121 bin-nifs mingħand ħabiba tagħha u kien għad fadlilha tagħti Lm600 / Eur1,397.62 fiż-żmien meta nkiteb dan l-affidavit.*

*Lit-tfla qaltilhom x'kien qiegħed jiġri u kienet tpattilhom tal-inkwiet familjari billi teħodhom igawdu. Hi baqgħet tistaqsi lil C dwar il-futur tagħhom imma ma setgħux jaqblu. Hi ddejqet u ddeċidiet li tipproċedi bis-separazzjoni u għal dan il-għan inkarigat lill-avukat Dr Stefan Zrinzo Azzopardi. Ma setgħux jaqblu dwar kif il-proprjeta' kella tiġi maqsuma u għalhekk ma setgħux jilħqu*

*separazzjoni konsenswali. Hu kien biss jgħidilha sabiex tgħix ħajjitha u ma kienx se jindaħal.*

*Kien f'dan iż-żmien li l-ħbieberija tagħha ma' kollega tagħha I saret iktar profonda peress li kienet tiftaħ qalbha miegħu dwar il-problemi matrimonjali tagħha. Kienet tgħidlu li tħossha waħedha u bdew joħorġu flimkien.*

*Il-partijiet resqu għall-medjazzjoni ma Dr Monica Galea imma dan ma serva għalxejn u ma setgħux jilħqu ftehim. B'hekk l-attriċi riedet tibda proċeduri ta' separazzjoni fil-Qorti.*

*F'Novembru 2005 ħarġet tqila minn I u wara erbatax-il ġimgħa beda ħiereġ id-demm u marret għand il-ginekologu Dr Yves Muscat Baron li bagħatha l-isptar għal xi testijiet u ħareġ li kienet tqila bi triplets. Qalulha biex ma timxix u ma tagħmilx eżerċizzju. Hi kellha tieqaf taħdem. C qatt ma qalilha xejn tul it-tqala.*

*Wara għoxrin ġimgħa kellhom jagħmlulha l-punti fl-għonq tal-utru biex isalvaw it-tfal u t-tabib riedha tibqa' l-isptar sakemm twelled iżda rrifjutat għaliex ma riditx tħalli lil D u E waħedhom ma' C. Daħlet l-isptar fit-tnejn u tletin ġimgħa minħabba problemi fil-fwied u welldet ġimgħatejn wara. Kellha lil J, K u L. Wara għaxart ijiem marret lura d-dar bit-tfal. D u E ferħu magħha u marru tajjeb mat-tfal. Hi baqgħet turi lil E u D kemm huma speċjali għaliha u tagħmel l-almu tagħha biex tagħtihom trobbija feliċi. C ma kienx jagħtihom attenzjoni.*

*Kien hemm tensjoni kbira fid-dar. C kien jabbuża verbalment u emozzjonalment mit-tifla. Darba daħal id-dar fis-sakra waqt li l-*

*attriċi kienet ix-xogħol u tant bezza' lit-tfal li kellhom jiddefendu ruħhom b'zokk. Darba ta' lift lil E fuq il-mutur mingħajr ma libsu l-helmet. Darba ħa lil E u ħabib tiegħu Għajn Tuffieħa. Hallihom jgħumu waħedhom u hu baqa' fil-karozza. Kellhom xi problemi fl-għawm u kellu jgħinhom raġel barrani. D kienet tħossha skomda mingħajr bibien fid-dar peress li kellhom biss purtieri u ma kienx hemm privatezza. C kien iħalli lit-tfal waħedhom meta A kienet taħdem kemm jekk ikunu reqdin jew imqajmin minkejja li E kellu problema ta' sonnambulismu. Darba C kien qiegħed jara 'The Exorcist' tard bil-lejl u minkejja li t-tfal kienu mbeżżgħin ma riedx ibaxxi l-volum. Darba ġew ċirkostanzi li kkawżaw sitwazzjoni li dehret li kienet A li sakkritu barra. Dan kien żball li wassal għal argument vjolenti u fiżiku bejn il-partijiet.*

*Minbarra li ppreżentat dan l-affidavit, A kienet xehdet viva voce fit-18 ta' Mejju tas-sena 2010. Hi qalet li l-partijiet kienu joqogħdu f'appartament f'Valley Road għal sena mbagħad C ried jixtri post tal-Gvern imma l-partijiet ma kienux jikkwalifikaw u ħabib tiegħu M li kien għamel hekk tah parir japplika f'isem il-ġenituri tiegħu u assigurah li l-ġenituri tiegħu ħadd ma kien se jkeċċihom minn darhom peress li kienu japplikaw huma stess u l-partijiet qalbu l-ID cards fuq l-indirizz tal-ġenituri. Tgħid li l-konvenut kien ġab perit li ddikjara d-dar tal-ġenituri tiegħu sub-standard u baqgħu jikruh lill-ġenituri tiegħu għal Lm20 fis-sena. Il-ġenituri tiegħu ġew mogħtija appartament tal-gvern f' ________ (omissis) pero' l-A tenfasiżża li kienu l-partijiet li ħallsuh u l-ġenituri tiegħu qatt ma kellhom l-intenzjoni li jgħix fih u baqgħu jgħixu l-_______ (omissis). Il-partijiet kienu wkoll xtraw l-għamara u għammru l-post anke l-kamra tal-banju u l-kċina. Damu jgħixu f'__________ (omissis) madwar seba' (7) snin. Kuntrarjament għal dak li qal C u l-ġenituri tiegħu, A tgħid li ftit xhur wara l-akkwiżizzjoni tal-post f'_________ (omissis) il-ġenituri tiegħu ġew avżati biex joħorgu mill-post tal-_______ (omissis). Kien hemm li l-partijiet applikaw għal post tal-gvern f'isimhom. Bl-għajnuna ta' ħabib ta' C, u ċjoe'*

*N, ingħataw post fi żmien ftit xhur. Dan il-post kien fil-________ (omissis). Dan il-post kienu ħallsuh huma wkoll minkejja li marru jgħixu fil-ġenituri ta' C. Wara seba' snin jgħix f'_______ (omissis), ddeċidew li jemigraw għal _______ (omissis) flimkien mal-ġenituri tagħha u għalhekk biegħu il-post ta' ___________ (omissis) permezz ta' kuntratt li ovvjament dehru fuqu l-ġenituri ta' C li tawhom il-flus wara li tħallas lura parti mis-sussidju lill-Gvern. Huma biegħu anke l-karozzi. Hi telgħet l-__________ (omissis) bit-fal sakemm hu rranġa xi affarijiet u mbagħad tela' hu wkoll. Hi damet ġimagħtejn. Flimkien damu ftit jiem u ġew lura Malta.*

*Meta ġew lura krew 'maisonette' mingħand ħuh u bdew ifittxu sabiex jixtru post u xtraw 'maisonette' f'_______ (omissis) għall-prezz ta' tlieta u erbgħin liri Maltin (Lm43,000) u fdew iċ-ċens għal elf liri Maltin (Lm1,000). Il-ġenituri tiegħu ma tawhom l-ebda flus u fil-fatt ħadu 'loan' ta' wieħed u għoxrin elf liri Maltin (Lm21,000).*

*A reġgħet xehdet fis-16 ta' Novembru tas-sena 2011. Hi xehdet li qabel ma żżewġet lil C kellha tliet elef u ħames mitt liri sterlini (£3,500) u tgħid li għandha l-wage slips bħala prova ta' dan (iżda dawn ma ġewx preżentati). Tgħid li huma kienu nefquhom għall-ħajja. Tgħid li l-flat ta' ___________ (omissis) ħallsu għalih il-partijiet u mhux il-ġenituri ta' C u li qatt ma ħallsu kera lil ommu u 'l missieru talli kienu jgħixu fil-post. Tgħid li l-flat tal-Furjana kien lest minn kollox u li hi qatt ma ħallset spejjeż għal dan u lanqas il-konvenut. Il-proprjeta' ta' _______ (omissis) ħallsu biċċa minnha mid-dħul ta' __________ (omissis) u biċċa b'loan li għadu qiegħed jitħallas u li mis-sena 2006 kien qiegħed iħallsu C. Il-proprjeta' ta' ________ (omissis) ġiet mixtrija semi-shell. It-tikħil, l-aperturi u r-rampa tal-garage kienu lesti u l-partijiet kien imisshom jagħmlu l-madum, il-kċina u tliet ikmamar tal-banju. Missier C għamel xi xogħlijiet żgħar f'_________ (omissis) żied xi sockets tad-dawl u xi wires tal-elettriku biss. Il-partijiet ma*

*kellhomx 'plumbing' fil-post ta' _________ (omissis). Tikkonferma li l-ġenituri ta' C fil-post tal-_______ (omissis) kellhom erba' sulari taraġ biex jidħlu d-dar. Huma xtraw il-post f'________ (omissis) xahrejn wara li hi bdiet taħdem il-casino u hemmhekk iltaqgħet ma' O. Hi qatt m'ammettiet ma' ħadd li kellha relazzjoni miegħu.*

*Il-verżjoni ta' C hija kemmxejn differenti minn dik preżentata minn A. Permezz tal-affidavit tiegħu, preżentat lill-Qorti permezz ta' nota tas-27 tax-xahar ta' Mejju tas-sena 2008 (a folio 101-109), il-konvenut iddeskriva kif kien iltaqa' ma' A fis-sajf tas-sena 1990 ġo bar f'Paceville waqt li kienet Malta għal vakanza. Hi qaltlu li kienet Ingliża. Huma qattgħu ħmistax-il ġurnata flimkien idawwar lilha u lil oħtha ma' Malta. Hu deherlu li oħtha kienet fuq ruħha żżejjed imma A ma tatux dik l-impressjoni.*

*Meta A marret lura l-______________ (omissis) huwa kien iċemplilha ta' spiss u hi kienet tgħidlu li kienet imdejqa u staqsietu sabiex isibilha appartament biex tiġi vakanza oħra f'Malta fix-xahar ta' Settembru tas-sena 1990. Hu sabilha flat u ħallas l-ispejjeż tal-kirja. Kien anke jgħaddi l-iljieli magħha tul dawn il-ħmistax. Darba ma sabhiex hemm fil-għodu u raha ġejja lura ma' oħtha u żewġt irġiel. Kienu marru l-baħar flimkien.*

*F'Novembru tas-sena 1990 huwa kien mar l-____________ (omissis) għal diversi ġimgħat u kien qagħad magħha fil-flat li kient tikri hi. Hi kienet ippretendiet li jagħtiha xi flus talli kien qagħad magħha u hu ħassu offiż peress li meta kienet ġiet Malta hi, hu kien nefaq ħafna flus fuqha u ma talabha xejn lura. Hi baqgħet tgħidlu kemm kienet imdejqa l-______________ (omissis) u hu offrielha sabiex tiġi tgħix miegħu f'Malta, pero' hi qaltlu li ma kellhiex flus sabiex tagħmel dan u hu qalilha li dejjem kien ħadem u stinka, kellu flus imfaddlin u kien iħallsilha hu. Hi wegħditu li*

*kienet ser tħallsu lura tal-ispejjeż li kien se jagħmel pero' fil-fatt qatt ma kienet għamlet dan.*

*F'Jannar tas-sena 1991 l-attrċi ġiet Malta u marru jgħixu flimkien fi flat il-__________________ (omissis), li għalih il-konvenut kien iħallas Lm80 fix-xahar, illum ekwivalenti ghal €186.40. Hi kienet tgħidlu li kienet tieħu il-pillola kontraċettiva u ma kellux għalfejn jinkwieta, pero' f'April tas-sena 1991 hi ħarġet tqila. Hi dehret kuntenta u ddeċidew li jiżżewġu. Il-ġenituri tiegħu ma għamlu ebda pressjoni fuqu biex jiżżewweġ. Ippjanaw li jiżżewġu fl-4 t'Awissu tas-sena 1991. Hu kien ħa ħsieb il-preparamenti kollha u ħallas it-tieġ. Ftit ġimgħat qabel it-tieġ ġew il-ġenituri tagħha u oħtha u qagħdu fil-flat magħhom. Jumejn qabel it-tieġ inqala' argument jaħraq bejn A u familtha. B'kumbinażżjoni sema' lil oħtha u lil ommha jgħidu li kien imisshom qalulu imma meta staqsihom dwar dan huma dawru d-diskors. Meta ġiet lura A, kellha argument ieħor magħhom u tefagħthom barra u l-konvenut kellu jsibilhom post ieħor fejn joqogħdu.*

*Il-partijiet iżżewġu fl-4 t'Awissu tas-sena 1991. A baqgħet imdejqa u riedet li jmorru joqogħdu f'post ieħor u marru joqogħdu fi flat l-Imsida. Fl-24 ta' Diċembru tas-sena 1991 twieldet it-tifla u semmewha D. Il-ġenituri tiegħu kienu joqogħdu f'parti minn dar kbira u sub-standard fil-_______ (omissis) taħt titolu ta' kera u kien ilhom i jridu jitilqu. Fis-sena 1991 huma applikaw sabiex jingħataw post tal-Gvern f'____________ (omissis) mill-Awtorita' tad-Djar u din l-applikazzjoni ġiet aċċettata. Il-prezz issussidjat kien ta' elfejn u sitt mitt liri Maltin (Lm2,600).*

*A kienet tkun aggressiva u targumenta fuq kull ħaġa ta' xejn. Kien iħalliha fil-liberta', jonfqilha f'dak li riedet u xtralha vettura tal-marka Fiat 127. Sabiex jgħinuhom, il-ġenituri tiegħu ħallewhom*

*jużaw il-flat il-ġdid tagħhom temporanjament sakemm ikunu jistgħu jixtru post ieħor. Marru joqogħdu fih fis-snin 1991-92. A xorta kienet imdejqa u kienet ukoll targumenta mal-ġirien u tifflertja mal-irġiel. Hu beda jinduna li l-attitudni u l-mentalita' ta' A kienu differenti milli kien ħaseb. Hu kien jaħdem żewġ xogħlijiet u għalhekk kienet tkun waħedha għal ħin twil u ġieli kienet tkun diġa' raqdet meta jirritorna u kienet anke traqqad lit-tifla fis-sodda ħdejha. Hu ħass li dan kien juri li ma kellhiex rispett u mħabba lejh. Darba tefgħatlu sikkina tal-ħobż u darba kienet gidmet lit-tifla fuq sidirha u ħallitilha l-marka ta' snienha. C kien iħoss li f'ċerti kwistjonijiet fundamentali hu u l-attriċi ma kinux jaqblu:*

*"A kienet tippretendi li nibqgħu noħorġu fil-għaxijiet f'bars u discos u jien kont ngħidilha li din mhux ħajja ta' miżżewġin imma hi kienet baqgħet b'attitudni ta' single." (ara folio 103, para.8)*

*Jgħid li kien iħallsilha sabiex iżżur lill-ġenituri tagħha l-_______________ (omissis) tliet darbiet fis-sena imma sar jaf li kient tħalli lit-tifla mal-ġenituri tagħha u toħroġ ma' sħabha minflok. Kull meta ġew Malta l-ġenituri tagħha kienu joqogħdu magħhom u C kien jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha. Ġieli A u ommha kienu jispiċċaw fis-sakra quddiem it-tfal. Kien hemm li l-konvenut beda jirrealiżża li A seta' kellha valuri u background differenti minn tiegħu.*

*A mbagħad sabet xogħol bħala niġht shift sales girl fid-duty free shop tal-airport ta' Malta. Il-konvenut qalilha li ma kienx xieraq taħdem bil-lejl peress li t-tfal kienu għadhom żgħar iżda hi qaltlu li bil-lejl kienet imdorrija taħdem l-__________ (omissis) f'bars u pubs. Hu sar jaf li kienet tagħti kunfidenzi lill-irġiel waqt li tkun ix-xogħol. Ġieli ċemplilha fuq ix-xogħol u ma sabhiex.*

*Il-gynaecologist ġagħlitha twaqqaf il-pillola kontraċettiva peress li kienet ilha teħodha wisq u dan wassal sabiex ir-relazzjoni ta' bejniethom kompliet teħżien għaliex A ma riditx li jkollha iktar tfal. Fix-xahar ta' Marzu tas-sena 1994, il-partijiet xtraw appartament mill-Awtorita' tad-Djar għall-prezz ta' erbat elef u mitejn liri Maltin (Lm4,200) li kien ħallsu kollu l-konvenut bi flus li kellu minn qabel iż-żwieġ. Il-konvenut issostanzja dan l-argument billi ppreżenta dokumenti varji:*

*Dok LC1 – kont tal-APS 10153520028 għal Lm2,100 li ngħalaq fl-1991.*

*Dok LC2 – kontijiet fl-______________ (omissis) li ngħalqu fl-1987 (kont 02D1169119 bi £1357.39 u kont 10P4064799 bi £1241.64, fondi li ġew trasferiti għall-kont 07H1811452 li fis-sena 1988 kien jammonta għal £2,784.31, fondi li ġew trasferiti fil-kont 09H3325109 li fis-sena 1990 kien jammonta għal £3,949.37, fondi li ġew miġbuda u li ġew trasferiti f'kont 07H1811452, 09H3325109.*

*Jirriżulta li l-Awtorita' tad-Djar tat lura d-dar tal-Belt lis-sid u f'__________ (omissis) kienu joqogħdu l-partijiet. Għalhekk omm u missier C bdew jużaw l-appartament tal-_________ (omissis) u f'dan l-appartament għamlu diversi spejjeż li jammontaw għal madwar għaxart elef liri Maltin (Lm10,000) (Dok . LC8-11), iffirmat mill-Perit Joe Bugeja, Dok. LC9b a folio119, 11b (affidavit u inventarju ta' dawn ix-xogħlijiet – li jammontaw għal għaxart elef, mija u għoxrin liri Maltin (Lm10,120) kif ċertifikat). Huma għadhom jgħixu fih bħala l-unika residenza tagħhom.*

*Fix-xahar ta' Frar tas-sena 1995 il-partijiet kellhom it-tieni tarbija, tifel li semmew E. Il-konvenut ħaseb li A issa kienet se tinbidel u kien kuntent iżda ma ġarax hekk u kienet qaltlu li t-tqala ġrat b'inċident u kontra x-xewqa tagħha.*

*A kienet taħseb ħażin fih minħabba telefonati strambi u li kellhom in-numru tat-telefon ta' ____________ (omissis) simili ma' numru ta' laundry. Darba kienet ħadet infezzjoni fil-ġenitali u waħħlet fih iżda hu jiċħad, jgħid li dejjem kien leali u kienet hi li meta kienet tiġi lura mill-_________ (omissis) ma kenitx tkun li trid li jkollha relazzjonijiet miegħu.*

*Jgħid li kien jeħodha l-beach club ta' fejn kien jaħdem iżda hi kienet toqgħod titkessaħ mal-irġiel. Fis-sena 1999 A ipperswadietu biex imorru jgħixu l-____________ (omissis) u l-ġenituri tagħha offrewlha jgħixu magħhom sakemm jissetiljaw u hekk għamlu, pero' A u t-tfal telgħu qabel sakemm hu jissetilja xi affarijiet f'Malta.*

*Il-ġenituri tiegħu biegħu l-flat ta' ________ (omissis) għas-somma ta' madwar ħamsa u għoxrin elf liri Maltin (Lm25,000) (vide kuntratt tal-bejgħ). Dawn il-flus tawhom kollha lil C bħala donazzjoni. Dwar dan il-punt ġie wkoll ppreżentat affidavit tal-ġenituri ta' C, Dok.LC7 tal-20 ta' Jannar tas-sena 2005 li jgħid li f'Awissu / Settembru tas-sena 1999 u f'Mejju tas-sena 2003 taw lil binhom Lm25,000 li kkontribwew għall-akkwist tal-'maisonette' f'___________ (omissis), li missier C għen fix-xogħlijiet fl-imsemmija 'maisonette' u ma rċeviex kumpens mingħand il-partijiet li l-ġenituri ta' C ħallsu għax-xogħlijiet li saru fil-flat tal-_________ (omissis) li hu proprjeta' tal-partijiet u li fih jgħixu l-ġenituri ta' C. Jgħid li A kienet qablet miegħu li jitrasferixxu l-flat tal-________ (omissis) lill-ġenituri tiegħu bi tpattija, iżda A qatt*

*ma riedet. Waqt il-medjazzjoni fil-fatt A pproponiet li tirrinunzja għal sehemha fil-flat tal-________ (omissis) (LC59).*

*Waqt li kienet l-______________ (omissis) A kienet iċċempel lil C u titolbu l-flus kollha tad-donazzjoni biex jibgħathomlha l-_____________ (omissis). Din raha stramba peress li hu kien tiela' l-___________ (omissis) ftit ġimgħat wara. Waqt li kienet l-___________ (omissis) kellha argument mal-ġenituri tagħha u missierha kien fis-sakra u mbotta lit-tifla t-taraġ u keċċewha mid-dar u kellha tmur toqgħod ma' ħabiba tagħha. Meta tela' l-_____________ (omissis) u sab din is-sitwazzjoni l-ġenituri tagħha stqarrew miegħu li A kienet mara diffiċli u li kienet telgħat l-___________ (omissis) biex ikollha aktar liberta'. Waqt li kienu l-___________ (omissis) kienu jgħixu erba' persuni f'kamra waħda. Huwa rrealiżża li ma setgħux jibqgħu l-__________ (omissis) għall-ġid tal-familja minħabba l-background tal-familja tagħha. Kien ġja' nefaq elf u ħames mitt liri Maltin (Lm1,500) għall-iskariġġ u ddeċidew li jiġu lura Malta.*

*Fl-aħħar tas-sena 1999 ġew lura Malta u krew appartament mingħand ħuh P ġo _________ (omissis) għal Lm80 fix-xahar:*

*"Hawnhekk A ipprovokat u ntimidat b'manjieri vulgari u kliem doppju sens lil ħija P. Qatt ma stennejt li se tasal li ġġib ruħha b'dak il-mod anke ma' ħija. Hawnhekk bdejt nirrealiżża li A kienet tasal biex tagħmel kollox, anki adulterju." (a folio 105, para. 21)*

*A riedet dar kbira bil-ġnien minkejja li C kien qalilha li ma kellhomx flus biżżejjed u kellhom jixtru post li jifilħu għalih. Fil-fatt xtraw 'maisonette shell form' ġo _____________ (omissis) bil-flus tad-donazzjoni (LC7) u missieru għenu ħafna sabiex jirranġaw il-post*

*(LC16 skont dikjarazzjoni tal-Perit Dathan Muscat xogħlijiet li jammontaw għal erbat elef liri Maltin (Lm4,000) u li f'Novembru tas-sena 2001 il-proprjeta' ġarrbet ħsara minn sajjetta li tammonta għal erbat elef u ħames mitt liri Maltin (Lm4,500) li minnhom tmien mitt liri Maltin (Lm800) ġew rifużi mill-polza tal-assikurazzjoni).*

*A reġgħet insistiet biex tmur taħdem bil-lejl u marret taħdem il-________________ (omissis). Is-sitwazzjoni bejniethom aggravat. Kienet iġġib il-ħbieb id-dar. Wara l-iskola t-tfal kienu jibqgħu barra għax hi kienet tkun għadha rieqda. Kien jiġi lura mix-xogħol fil-5:00pm u ġieli sab it-tfal għand ħuh. Darba kien hemm bżonn li hi tħalli l-mobile tagħha miegħu waqt li kienet ix-xogħol u bdiet tirċievi ħafna telefonati mingħand irġiel. Meta kien iċempel fuq ix-xogħol mhux dejjem kien isibha hemm. Kien jinsisti magħha biex issib xogħol ta' matul il-ġurnata. Kien sabilha xogħol il-__________ (omissis) u aċċettawha iżda hi sabet skuża biex tirrifjuta.*

*C jgħid li A kienet bdiet theddu li taħrab bit-tfal u hu kiteb lid-Dipartiment tal-Emigrazzjoni sabiex jipproteġihom (LC12-15). A kienet taħrab mill-obbligi tagħha ta' omm u qatt ma ħadet lit-tfal id-duttrina, ftit drabi marret il-Parents' Day u ġieli sawtet lit-tfal. Kien C li kien iqajjimhom, jagħmlilhom il-lunch, iwassalhom l-iskola u jgħinhom fil-homework. A qatt ma għenet fl-irranġar tal-'maisonette' u kienet toħroġ spiss mal-ħbieb. Ħafna spejjeż kien iħallashom hu għax hi ħadmet biss għal perjodi qosra (LC19-52 – kopji ta' cheques mis-sena 2003 sas-sena 2006, li ħallas għal donations tal-iskola, kontijiet, trasport tal-iskola, affarijiet tad-dar, spejjeż mediċi).*

*Fl-erbgħa ta' Ġunju tas-sena 2000, f'xi sitta ta' fil-għodu kellha nċident viċin fejn joqgħod il-partner preżenti tagħha I, __________ (omissis), li hi kkommettiet adulterju miegħu. Hi tgħid li kienet għadha kif spiċċat mix-xogħol. Kien wassalha O, ex _________ (omissis), li suppost kien għadu xogħol dak il-ħin. Hu kien jaħdem fejn kienet taħdem hi. Kien jara ħbiberija intima bejniethom u kellu suspetti li kienet qed titradih. C flimkien ma' Q B kienu rawha dieħla għandu ġol-flat tiegħu fil-Qawra. Meta kkonfrontaha dwar dan hi ammettiet li kellha relazzjonijet sesswali miegħu u b'hekk induna li kienet ilha tittradih. Stqarret li qabel iż-żwieġ wettqet abort darbtejn. Kieku kien jaf b'dan ma kienx jiżżewwiġha għax dan kien kontra t-twemmin tiegħu. Omm A kkonfermatlu li A għamlet żewġ aborti.*

*C rrakkonta diversi nċidenti li rrendew il-ħajja miżżewġa ma' A diffiċli. Darba kienet f'tieġ mal-ħbieb u sikret u waqgħet fil-pool bil-ħwejjeġ b'kollox. Darba kellhom xi jgħidu u tefgħetlu tazza u sikkina (LC89). Kellhom ukoll argument ma' ħuh u martu, u A refgħet idha fuqhom. Konsegwentement P tefagħhom 'il barra mill-flat. Mart P kienet ukoll indunat li A kellha kunfidenzi ma' żewġha. Bdew jgħixu ġo flat ġo _____________ (omissis). Darba kienet aggressiva miegħu waqt li kien marid ġos-sodda u ftit wara spiċċa l-isptar b'infezzjoni fil-pulmun. Darba marret targumenta ma' ommu u missieru f'darhom (86-87). Ġieli kienet tħalli lil D toħroġ waħedha tard fil-għaxija (LC85). Darba tefgħatlu flixkun tal-inbid (LC84). Ġieli ma bagħtitx tfal l-iskola u kienet iżżomm lil D tieħu ħsieb it-triplets li twieldu minn adulterju (LC73-75, 81-83). C kien ippreżenta rikorsi fil-Qorti u talab lill-Aġenzija Appoġġ sabiex jinħatar social worker iżda ma sar xejn. A ma kenitx issajrilhom u minflok kienet tgħaddi ħinha mal-partner tagħha u qatt ma tat każ l-edukazzjoni tat-tifla u t-tifla ma baqgħetx tmur l-MCAST.*

*C jiċħad li ried ħajja separata. Jgħid li ried jgħix żwieġ mimli mħabba. Kienet hi li ħarġitu mill-kamra tas-sodda u tefgħatlu ħwejġu fil-washroom (LM71). A mbagħad bdiet iddaħħal ġod-dar lill-partner tagħha I u s-sitwazzjoni marret għall-agħar. Hi ppreżentat rikors biex tkun tista' ddaħħlu d-dar (349/06 NC, LC90). Il-Qorti ċaħdet din it-talba iżda hi kisret dan id-digriet tal-Qorti (LC76-78, 80).*

*Fid-29 ta' Novembru 2006 il-partner tagħha mar fil-Kunsill Lokali ta' _____________ (omissis) fejn kien jaħdem C u għamel ħafna allegazzjonijiet kontrih biex itelliflu xogħlu (LC60 – ittra mill-Kunsill tinforma lil C li saret allegazzjoni li hu jkun id-dar waqt il-ħin tax-xogħol u tistaqsih għall-kummenti tiegħu, LC61 – fejn C wieġeb li jiċħad l-allegazzjonijiet, 79). A ukoll għamlet ħafna rapporti foloz kontrih fl-Għassa tal-Pulizija ta' ________________ (omissis). C għamel kwerela dwar dan (LC53). C jgħid li A tieħu lil uliedu spiss fid-dar tal-partner tagħha (LC72 u 74).*

*C jħossu offiż li qiegħed imantni lit-triplets li mhumiex tiegħu u li spiċċa barra mill-kamra tas-sodda matrimonjali biex jiġu akkomodati dawn it-tfal (LC68-70). C ppreżenta ritratti tal-master bedroom li juru li l-affarijiet u s-sodod tat-triplets ġew imqegħda kollha hemmhekk filwaqt li l-affarijiet tal-konvenut ġew imneħħija, (Dok LC68-71, a folio 179-182). Waqt iż-żwieġ hu xtara tliet karozzi. L-aħħar waħda kissritha A f'inċident tat-traffiku u xtrat karozza mingħand ħabiba tagħha bid-dejn mingħajr ma hu ta l-kunsens tiegħu.*

*Għall-aħħar tliet snin ma kkontribwiet xejn għall-kontijiet u għal-loan, u ħallas waħdu erbat elef, mitejn u tletin liri Maltin (Lm4,230) fuq il-loan tad-dar (LC17-18, LC62-67).*

*Jgħid li A u l-partner tagħha kienu jipprovokawh u jintimidawh u kellu għalhekk jagħmel rapporti lill-Kummissarju tal-Pulizija (Dok LC54-58) u l-pulizija ħarġu charges kontra I. Darba A ħalliet id-dar u abbandunat it-tfal għal diversi ġranet (Dok LC82). Waqt li kienet tqila bit-triplets kienet spiss tinkih u tipprovokah. Meta E kien l-isptar għall-operazzjoni tal-appendix hi kienet biss tmur tarah għal ftit ħin waqt li C kien qagħad lejl u nhar ħdejn it-tifel.*

*Huwa mħasseb fl-eventwalita' li A tiġi assenjata l-kura u l-kustodja tat-tfal minħabba li kien hemm drabi fejn immanifestat aggressivita' quddiemhom. Hu jgħid wkoll li l-manteniment ta' Lm120 fix-xahar li jagħti lilha għat-tfal mhux dejjem jiġi użat għalihom.*

*Jgħid li l-inċident tal-mutur u l-crash helmet allegat minn A ma kienx veru u li A xewxet lit-tfal u C sab notamenti li kienet lestiet lil E sabiex isegwi waqt l-interrogatorju mal-avukat tat-tfal."*

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba l-atteġġjament taż-żewġ partijiet fil-konfront ta' xulxin, u allura kienu ħatja ta' nġurji gravi fil-konfront ta' xulxin. Kwindi taqbel mal-perit legali f'dan l-aspett.

Illi minħabba f'hekk il-partijiet spiċċaw jgħixu *f'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune* (ara **"Caterina Agius vs Benedict Agius" –** deċiża mill-Prim' Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

Illi madankollu, il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix ukoll li l-adulterju kommess indubbjament u *'ex admissis'* mill-attriċi kien il-fattur li waqqaf għal kollox il-possibbilta' li l-partijiet setgħu jaslu biex jirrikonċiljaw. Biex aktar il-kwistjoni tippreċipita, l-attriċi kellha *'triplets'* minn relazzjoni extra konjugali li żgur kompliet għamlet il-ħajja tal-partijiet – li baqgħu jgħixu taħt l-istess saqaf – aktar infernali.

*"Għalkemm indubbjament kien hemm raġunijiet oħra għat-tifrik taż-żwieġ, l-adulterju dejjem kien meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi illi għaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali."* (ara **Vol XXXVII-parti ii, paġna 693**).

Illi għaldaqstant il-Qorti se taddossa lill-attriċi bl-akbar parti tal-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ, u dan ser jiġi rifless billi taqsam l-ispejjeż tal-kawża b'terz u żewġ terzi kontra l-attriċi kif *del resto* rrakkomanda l-perit legali.

Illi stabbilit dan, ma hemmx lok li l-Qorti tinvestiga r-raġunijiet oħra li jwaslu għal separazzjoni .

**KURA U KUSTODJA TAL-MINURI**

Illi kif ġja' ngħad, ulied il-kontendenti saru maġġorenni, u kwindi ma hemmx lok ta' provvedimenti fir-rigward.

**MANTENIMENT**

Illi l-Qorti in vista tal-premess, se tiddikjara li l-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu l-manteniment mingħand xulxin.

**PROPRJETA' (beni immobbli):**

Illi l-partijiet huma proprjetarji tal-fond matrimonjali, ___________________________ (*omissis)* li xtraw fis-sena 2000 u ta' proprjeta' fil-_____________________________ *(omissis)*, li kien akkwistaw wara ż-żwieġ. Il-Qorti hawnhekk ma taqbilx mal-perit legali li għandu jkun hemm xi dewmien biex jibiegħ dan il-fond tal-Furjna għaliex jgħixu l-ġenituri tal-konvenut fih. Dawn mhumiex parti fil-kawża u ma għandhom ebda titolu – fuq kollox jirriżulta li issa l-missier miet u l-omm qed tgħix f' Dar tal-Anzjani. Lanqas ma l-Qorti hija se tidħol fi krediti jew dejn mal-istess ġenituri tal-konvenut – dawn huma tal-komunjoni u jidħlu biss *'in ballo'* jekk ikun hemm xi proċeduri ġudizzjarji fir-rigward għaliex, kif ġja' ngħad il-ġenituri tal-konvenut mhumiex parti fil-kawża.

Illi l-Qorti fiċ-ċirkostanzi, se tordna l-bejgħ tad-djar imsemmija biex kull parti tieħu sehemha, u dan wara li ssir stima debita biex id-drittijiet tal-partijiet jiġu rispettati. Naturalment, ikun irid jitħallas il-bank l-ewwel peress li hemm dejn relattiv fuq id-dar ta'________________ *(omissis)*.

Illi f'dan ir-rigward, il-konvenut jallega li għandu kreditu ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn erbgħa u tletin Ewro (€58,234) li ħareġ meta nxtrat id-dar, u bilanċ ta' elf tliet mija wieħed u ħamsin Ewro (€1351) kontijiet tad-dawl mill-2006 sal-2008. Dawn ma ġewx kontestati u lanqas li huwa ħallas il-*loan* mill-2006. Dwar dan ma hemmx indikazzjoni eżatta u allura l-Qorti se tħallih impreġudikat iżda se tordna prelevament ta' disgħa u ħamsin elf, ħames mija ħamsa u tmenin Ewro (€59,585) għar-raġuni appena msemmija, u ċjoe' l-kreditu parafernali u ħlas ta' konsum ta' dawl u ilma.

**(Beni mobbli):**

Illi l-Qorti taqbel li l-partijiet għandhom iżommu l-vetturi li jużaw, u ċjoe' l-attriċi l-Mazda u l-konvenut it-Toyota.

Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji, u poloz ta' assikurazzjoni li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

Illi l-beni l-oħra mobbli li kien hemm fid-dar huma problema għaliex anke hawn ma saret ebda stima. Kwindi l-Qorti se tordna l-bejgħ tagħhom u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet indaqs. L-attriċi pero' għandha tieħu l-oġġetti msemmija fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha u li se jiġu ndikati aktar 'il quddiem.

Illi l-Qorti, fuq l-iskorta ta' dak li ntqal, jidhrilha li hemm l-estremi biex tapplika l-effetti tal-artikolu 48.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

1. **Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti għar-raġunijiet ġja msemmija;**

2. **Tilqa' t-tieni talba;**

3. **Tilqa' t-tielet talba;**

4. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba talba;**

5. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba;**

**6. Tiċħad is-sitt talba u tiddikjara li l-attriċi ddekadiet mid-dritt tagħha għall-manteniment;**

**7. Fir-rigward tas-seba' talba, tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ tal-fondi ______________________________ *(omissis) bil-garaxx sottostanti* u l-appartament _________________________________ *(omisis)* – u dan wara li ssir id-debita stima mill-A.I.C. Mario Cassar nominat għal dan l-iskop – u kull parti tieħu nofs ir-rikavat wara li jitħallas il-Bank kreditur, u l-konvenut jippreleva s-somma ta' disgħa u ħamsin elf, ħames mija ħamsa u tmenin Ewro (€59,585); tassenja lill-konvenut il-vettura Toyota u l-vettura Mazda lill-attriċi; l-kontijiet kollha bankarji lokali, kif ukoll bonds, poloz ta' assikurazzjoni u nvestimenti oħra kollha f'Malta kemm f'isem il-partijiet waħedhom jew konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejn il-partijiet; l-attriċi għandha tieħu s-sett tat-televiżjoni, magna tal-ħasil, *microwave oven* u l-oġġetti tat-tfal tagħha.**

**8. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra;**

**Illi kwantu għall-kontro-talba tal-konvenut tipprovdi billi tilqa' it-talbiet tiegħu in kwantu kompatibbli mal-akkoljiment tat-talbiet attriċi, b'dan li:**

**Tiddikjara l-ħall taż-żwieġ, u tilqa' s-seba talba tiegħu;**

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tiegħu rigwardanti t-tfal, u tiċħad l-għaxar talba;**

**Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra l-ħall taż-żwieġ skont il-liġi.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu żewġ terzi mill-attriċi u terz mill-konvenut. Dawk relatati mal-bejgħ tal-proprjeta' nklużi d-drittijiet u spejjeż tal-perit ikunu a kariku tal-partijiet f'ishma ndaqs.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------